Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Marzu 2016**
**(OR. en)**

**6663/16**

**COPEN 58**
**EUROJUST 20**
**EJN 11**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea<br>- Notifika magħmula mill-Estonja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż in-notifika magħmula mill-Estonja fir-rigward tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea.

**Notifika magħmula mill-Estonja**

**Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea**

B'referenza għall-Artikolu 29 tad-Deċiżjoni Qafas imsemmija hawn fuq, l-Estonja tgħarraf lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni li hija implimentat id-Deċiżjoni Qafas ta' hawn fuq b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

**Awtoritajiet kompetenti (Artikolu 2(1))**

Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità kompetenti biex tiddeċiedi dwar it-trasmissjoni ta' sentenzi u ċertifikati għal Stat Membru ieħor u dwar l-infurzar ta' sentenzi u ċertifikati mibgħuta lejn l-Estonja.

**Estonian Ministry of Justice**
Tõnismägi 5a
15181 Tallinn
ESTONIA
Tel: +372 620 81 92
Fax: +372 620 81 91
Posta-e: central.authority@just.ee

**Lingwi (Artikolu 23)**

L-Estonja ser taċċetta ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas jew traduzzjoni tiegħu bl-Estonjan jew bl-Ingliż.

B'referenza għall-Artikolu 23(3) nixtiequ ninfurmawk li bħala Stat Membru ta' eżekuzzjoni l-Estonja tista', mingħajr dewmien wara li tirċievi s-sentenza u ċ-ċertifikat, titlob, f'każ li ssib li l-kontenut taċ-ċertifikat huwa insuffiċjenti biex tiddeċiedi dwar l-infurzar tal-piena, li s-sentenza jew parti essenzjali minnha tiġi tradotta fl-Estonjan jew l-Ingliż.